# Kuntatt

## ...ma' l-iskola t'ibnek

Ottubru 2007

Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

### It-Tielet Sena Skolastika

Settembru 2005, Settembru 2006 u issa Settembru 2007. Dan ifisser li l-iskola diġà tinsab fit-tielet sena tagħha. Matul din is-sena skolastika ser nagħmlu minn kollox biex filwaqt li nsaħħu dak li ksibna fl-ewwel sena u kkonsolidajna fit-tieni, inkomplu niġġeddu għal li ġej.

Huwa ta' pjaċir tiegħi ngħid li bħalma ġara f'Settembru 2006, l-iskola din is-sena reġa' għandha pjan ta' żvilupp ambizzjuż ħafna. Dan wasalna għalih wara li ngħata kas ta' dak li kellhom xi jgħidu l-istudenti, intom il-ġenituri u aħna l-għalliema. Biex twettaq dan il-pjan ta' żvilupp l-iskola għandha tmintax-il kumitat ilkoll b'inkarigu differenti biex b'hekk nilħqu firxa wiesgħa ta' oqsma. Kull għalliem, minbarra x-xogħol ta' preparazzjoni u x-xogħol fil-klassi, mill-anqas jagħmel parti minn kumitat wieħed.

Mill-isfidi m'aħniex neqsin, l-aktar issa, li l-iskola kompliet tikber, li għandna l-ewwel studenti li ser jersqu għall-eżamijiet tas-SEC u li tkomplew jitwettqu numru ta' riformi fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Bħala skola nħossuna ppreparati tajjeb u għalhekk konvinti li kapaċi nirbħu kull sfida. Iżda dan mhux waħedna. Jekk aħna r-reffiegħa intom il-forċina. Is-sehem f'waqtu u meqjus tagħkom il-ġenituri hu bżonnjuż u jagħmel id-differenza. Dak li jinbeda l-iskola jeħtieġ l-apprezzament u l-inkoraġġiment tagħkom il-ġenituri. Nifhmu li dan jitlob ammont ta' sagrifiċċju u mhux dejjem ikun faċli.

Mingħajr sagrifiċċju mhux probabbli li nimxu 'l quddiem. Nistaġnaw u ftit ftit nibdew naqtgħu lura sakemm nindunaw li tlifna wisq u naqtgħu qalbna għal kollox. Il-flus u ħafna affarijiet oħra li ta' spiss jaljenawna, imorru u jiġu. Iżda żgur mhux hekk fejn jidħol l-iżvilupp ta' wliedna. L-għodda kollha hemm qiegħda. Jonqos biss li nużawha u nużawha tajjeb.

J. Micallef
Kap ta' l-Iskola

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# Editorjal - Għandna bżonn lil xulxin

Iebsa għat-tfal tagħna li wara l-vaganzi tas-sajf ikollhom jerġgħu jibdew ir-rutina ta' l-iskola. Imma kemm hija meħtieġa! Illum kull xogħol jeħtieġ li tkun taf l-iskola. Kull xogħol jeħtieġ li jkollok f'idejk iċ-ċertifikati, għaliex dawn huma l-passaport li se jwasslu lil ibnek fejn jixtieq jaqsam it-talenti tiegħu fid-dinja tax-xogħol. Huwa għalhekk li aħna qegħdin naħdmu flimkien, biex nagħtu lil ibnek dak li għada pitgħada se jsibu għall-ġejjieni tiegħu. Huwa għalhekk li aħna dejjem moħħna kif se nikkuntattjaw magħkom, biex flimkien, aħna bħala għalliema, u intom bħala ġenituri, nagħtu lil ibnek l-aqwa forma ta' edukazzjoni. F'din it-triq, ilkoll għandna bżonn lil xulxin. Nawguraw li din tkun sena skolastika mill-aqwa ħalli ibnek ikompli jkattar fih il-valuri kollha li jagħmluh bniedem intelliġenti u mogħni b'valuri sodi.

Bord Editorjali: G. Micallef (Asst. Kap), D. Agius Muscat, P. Callus, M. Zahra Sacco
Issettjar: P. Callus, A. Galea
Disinn: R. Mamo

# Tajjeb tkun taf

Kull sena għandha Assistent/a Kap u *Form Coordinator* li j/tieħu ħsieb il-ħtiġijiet ta' l-istudenti ta' dik is-sena partikulari.

| | Assistent/a Kap | *Form Coordinator* |
|---|---|---|
| L-Ewwel Sena | *Sa R. Azzopardi* | *Sa C. Refalo* |
| It-Tieni Sena | *Sa L. Borg Savona* | *Sa B. Busuttil* |
| It-Tielet Sena | *Sur G. Micallef* | *Sa P. Callus* |
| Ir-Raba' Sena | *Sur G. Micallef* | *Sa C. Elshout* |
| Il-Ħames Sena | *Sur R. Muscat* | *Sur C. Borg* |

# Popolazzjoni ta' l-istudenti

| | |
|---|---|
| L-ewwel sena | *167 student* |
| It-tieni sena | *207 student* |
| It-tielet sena | *200 student* |
| Ir-raba sena | *60 student* |
| Il-ħames sena | *59 student* |



# L-Ewwel Passi

Il-bidu ta' din is-sena skolastika ra l-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni Biannwali tal-Kulleġġ San Benedittu Sekondarja Subien. Minbarra li sservi ta' tifkira ħelwa għall-istudenti tagħna, din il-pubblikazzjoni tagħti idea ta' ħidmet l-iskola bl-għan li tilħaq lil kull student li huwa fdat f'idejha. Fil-fatt ix-xogħljiet li jidhru jirriflettu dak li sar f'dawn l-ewwel passi mit-twaqqif ta' l-iskola. Għaldaqstant ingħatat prominenza speċjali għal ritratti u kontribuzzjonijiet ta' l-istess studenti, kif ukoll artikli varjati minn setturi differenti fl-iskola.




# Mil-Librerija

*Mil-Librerija* huwa fuljett ċkejken li se jibda joħroġ minn żmien għal żmien b'tagħrif edukattiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-librerija ta' l-iskola. Fost affarijiet oħra, rokna li żgur għandha tkun ta' interess għall-istudenti hija r-rokna fejn se nibdew nagħtu ftit tagħrif dwar xi awtur partikulari jew inkella dwar xi karattru ta' xi ktieb. Interessanti wkoll se tkun ir-rokna fejn se naqbdu ktieb minn fuq l-ixkaffa tal-librerija tagħna u nagħtu wkoll ftit tagħrif dwaru. Dan biex dejjem nippruvaw inħajru aktar studenti jżuru l-librerija ta' l-iskola u japprezzaw il-minjiera bla tarf li joffrulna l-kotba. Il-kompetizzjoni li se tibda tidher f'kull fuljett maħruġ mil-librerija wkoll għandha l-għan li xxerred l-imħabba għall-qari permezz ta' ktieb li se jingħata bħala premju lir-rebbieħ minn fost it-tweġibiet tajba li jaslulna. Tagħmlu tajjeb bħala ġenituri li tħeġġu lil uliedkom jaqraw dan il-fuljett u jieħdu sehem fil-kompetizzjoni filwaqt li tinkoraġġuhom japprezzaw aktar il-kotba u dak kollu li joffrulna. B'dan il-ħsieb aħħari ġo moħħna tajjeb li nixtarru flimkien il-messaġġ qasir li wieħed se jibda jsib fil-kwotazzjoni li se tibda tidher ukoll fl-ewwel paġna.

D. Agius Muscat, A.Cutajar, M. Zahra Sacco
Il-Librara

# KALENDARJU 2007

### *Ottubru*

Laqgħa għall-għalliema (L-iskola sa 12:30) - 24
Tagħrif fuq Karrieri (Ħarġa għall-Form 5) - 26
Jum Ewropew tal-Lingwi - 30

### *Novembru*

Vaganzi tal-*Mid-Term - 1-2*
Taħriġ Professjonali għall-Għalliema (wara l-iskola) - 7
Ġimgħa ta' Sports Fest - 12-16
Assessjar (L-ewwel *term*) - 12-16
Tagħrif fuq Karrieri (Ħarġa edukattiva għall-Form 5) - 28

### *Diċembru*

Laqgħa għall-ġenituri tal-primarji - 4-5
Lejla għall-Ġenituri - 7
Laqgħa għall-ġenituri tal-primarji - 11
Vaganza Pubblika - 13
Programm ta' attivitajiet għall-Milied - 17-21
Vaganzi tal-Milied - 24-31

### *Jannar*

Vaganzi tal-Milied - 1-4
Bidu tat-tieni *term - 7*
Laqgħa għall-għalliema (L-iskola sa 12:30) - 17
Seminar fuq il-Karrieri (Selezzjoni mill-Form 4) - 21-22
Assessjar (It-tieni *term*) - 23-29

# UFFIĊJALI 2008

***Frar***

4-5 - Vaganzi tal-Karnival
8 - Relazzjonijiet (Laqgħa għall-ġenituri tal-F3)
11-19 - Eżamijiet ta’ nofs is-sena
25-29 - Eżerċizzji tar-Randan (Form 2 u 3)
25 - Taħriġ Professjonali għall-Għalliema

***Marzu***

3-7 - Eżerċizzji tar-Randan għall-Form 1, 4 u 5
10-12 - Ġimgha ta’ Sports Fest (Form 1-3)
13 - Jum il-Ġenituri
14 - Quddiesa f’Jum id-Duluri
17 - Sports Fest (Form 4 u 5)
19 - Vaganza Pubblika
20-26 - Vaganzi ta’ l-Għid
27 - Bidu tat-tielet *term*
31 - Vaganza Pubblika

***April***

7-10 - Laqgħa fuq is-Suġġetti Maghzula (Form 2)
17-18 - L-Għażla tas-Suġġetti (Form 2)

***Mejju***

1 - Vaganza Pubblika
5-9 - Ġimgħa ta’ Sportsfest
6 - Laqgħa ta’ l-Atletika (Skejjel tas-sekondarja)

# L-ewwel jum fl-iskola għall-istudenti ta' l-ewwel sena

Biex inkomplu ngħinuhom fit-tranżizzjoni mill-primarja għas-sekondarja, fl-ewwel jum ta' l-iskola l-istudenti ta' l-ewwel sena kellhom jum ta' attivitajiet organizzat mill-għalliema tal-*Guidance and Counselling*.

Kull klassi mxiet minn attività għall-oħra b'mod ordnat. L-għalliema tal-*Guidance* spjegaw lill-istudenti kif għandhom jagħmlu użu tajjeb mid-djarju ta' l-iskola. Fl-inħawi tal-kmamar tal-*Guidance and Counselling*, il-*Counsellor* tal-Kulleġġ tkellmet ma' l-istudenti dwar is-servizzi tagħna u spjegatilhom meta u kif jistgħu jagħmlu appuntament għal sessjoni privata. Il-*Form Teachers* kellhom ħin sabiex jispjegaw ir-rwol tagħhom bħala l-ħolqa bejn l-iskola u d-dar. Hawnhekk ħadet sehem ukoll il-*Form Coordinator* fix-xogħol tagħha relatat ma' mġiba tajba filwaqt li l-Assistent Kap spjegat lill-istudenti dak li għandu x'jaqsam ma' *form assemblies*, deċiżjonijiet u permessi.



Wara, l-istudenti kellhom mawra ma' l-iskola fejn setgħu jifhmu aħjar kif inhi mqassma l-iskola. Mhux għax dan tant kien hemm bżonnu billi l-għalliema tal-*Guidance* mis-sena l-oħra kienu bdew iduru l-iskejjel primarji tal-Kulleġġ u dawn l-istess studenti kienu diġà żaru darbtejn l-iskola tagħna meta kienu qegħdin fis-sitt sena tal-primarja. Kien hemm anki ħin meta l-istudenti ġabru l-kotba b'mod organizzat mil-librerija.

L-għan ta' dan il-jum kien li minflok nitfgħu lill-istudenti mill-ewwel f'dik li għalihom hija t-tgeġwiġija tal-ħajja fis-sekondarja nispjegawlhom ċerti prattiċi u r-rwolijiet ta' ċerti persuni fl-iskola. Din il-ġurnata kienet suċċess bis-sehem ta' ħafna għalliema oħra filwaqt li għas-sena d-dieħla diġà ideat ġodda li ħarġu mir-rispons kontinwu li huwa dejjem milqugħ u apprezzat.

R. Mifsud
Servizzi tal-*Guidance*

# Kampanja favur l-annimali

Din is-sena wkoll l-għalliema u l-istudenti fl-iskola ħadu ħsieb jiftakru iktar fl-annimali matul il-ġimgħa ddedikata lilhom. Fil-fatt f'din il-ġimgħa ttellgħu diversi xogħlijiet kollha b'messaġġi kontra l-moħqrija ta' l-annimali.

L-istudenti li jinġabru għall-*Form Assembly* fil-bitħa kellhom l-opportunità jaraw reċta qasira miktuba u mmexxija minn C. Elshout u C. Tanti dwar il-ħruxija li jgħaddu minnha l-annimali taċ-ċirklu u l-barrin tat-toru. Emerson Camilleri tal-klassi 3.4 kellu l-parti ta' iljunfant taċ-ċirklu filwaqt li David Camilleri tal-klassi 3.9 kellu l-parti ta' barri lest għat-toru. Glenn Muscat tal-Klassi 2.1 kien in-narratur. Permezz tad-drama l-istudenti setgħu jifhmu aħjar xi jħossu ħafna annimali meta l-bniedem jużahom għall-ispettakli u biex jagħmel il-flus minnhom.

L-istudenti li jkollhom il-*Form Assembly* ġewwa raw preżentazzjoni bil-*power point* ippreparata minn C. Elshout. Fost l-oħrajn il-preżentazzjoni ffukat fuq dawk l-annimali li qed jiġu użati għall-esperimenti, l-annimali li jintużaw għall-ispettakli u anki fuq dawk l-annimali li qed jiġu kkaċċjati minħabba l-pil tagħhom.

Waqt il-lezzjonijiet ta' bosta suġġetti fosthom il-Malti, l-Ingliż, il-PSD, l-Istudji Soċjali u l-lingwi barranin, l-istudenti mmexxija mill-għalliema tagħhom tellgħu esibizzjoni interessanti. Din kienet tinkludi kitbiet, tpinġijiet, powsters u ċarts li għamlu l-istudenti stess fejn urew il-ħsibijiet tagħhom dwar kif il-bniedem għandu jittratta

C. Elshout






# Ftakar

- **Matul ix-xahar ta' Novembru l-uniformi għandha tkun**:
  Qmis ta' l-iskola (komma qasira jew twila)
  Ingravata ta' l-iskola
  Flokk ta' l-iskola mingħajr komma
  Qalziet ta' l-iskola
  Ċintorin u żarbun iswed
- **It-*tracksuit* ta' l-iskola** għandha tintlibes mid-dar ***biss*** fil-jum li ibnek ikollu ***lezzjoni waħda*** ta' l-Edukazzjoni Fiżika (PE).
- **Xagħar** miżbugħ jew ikkulurit u/jew maqtugħ b'mod mhux xieraq għall-iskola huwa pprojbit. Importanti li t-tfal ikollhom ix-xagħar bil-kulur naturali tagħhom. Mhux permess l-użu ta' ġel fix-xagħar.
- **Brazzuletti, ġiżirajjen, imsielet,** *piercing* **u ċappetti** ma jistgħux jintlibsu fl-iskola.
- **Telefowns ċellulari** jew **logħob elettroniku** m'humiex permessi fl-iskola. Dawn jiġu kkonfiskati immedjatament.
- **Logħob bl-idejn**, ritaljazzjoni permezz ta' vjolenza, lotta jew logħob goff ieħor huma assolutament ipprojbiti. Bl-istess mod mhux tollerata inkejja, intimidazzjoni, tpattija jew sfida għall-ġlied. Miżuri serji ta' dixxiplina jittieħdu mill-Amministrazzjoni.
- Il-ġenituri huma obbligati mil-liġi li jibagħtu lil uliedhom l-iskola regolarment. Tinżamm **attendenza** għal kull lezzjoni u studenti li jfallu lezzjonijiet bla permess jitqiesu li fallew l-iskola u jkunu rrappurtati. Normalment għall-ewwel tlett ijiem ta' assenteiżmu għal kull xahar mhux meħtieġ ċertifikat mediku. Madankollu f'każ ta' dubju dwar il-ġenwinità tal-każ, il-Kap ta' l-Iskola għandu dritt jitlob għal ċertifikat mediku anki għal ġurnata biss. Iċ-ċertifikati jridu jaslu l-iskola sat-tieni jum tax-xahar ta' wara.

# Il-Behaviour Management Team

Bil-għan li tissaħħaħ id-dixxiplina fl-iskola, ġie mwaqqaf *Behaviour Management Team* li se jaħdem id f'id ma' l-Amministrazzjoni fil-ħarsien sħiħ tal-kodiċi ta' mġiba tajba li tħaddan l-iskola.

Il-*Behaviour Managament Team* huwa ffurmat mill-Assistent Kap inkarigat mid-Dixxiplina, minn ħames *Form Coordinators* u minn għalliem mis-sezzjoni tal-*Guidance* ta' l-iskola. Il-*Behaviour Management Team* se jaħdem sabiex jiżgura dixxiplina aktar immedjata u ġusta. L-għan aħħari huwa li kull student:

- jifhem l-importanza ta' mgiba tajba;
- jifhem ukoll il-konsegwenzi li ġġib magħha mġiba mhux xierqa;
- jifhem li fl-aħħar mill-aħħar, imġiba tajba se tkun ta' ġid għalih innifsu peress li se tagħmlu persuna aktar matura u responsabbli.

**Kulleġġ San Benedittu**
**Sekondarja Subien**
**Ħal Kirkop**



# Mil-Librerija

Ottubru 2007
Ħarġa Nru. 1

## Merħba

Merħba mil-librerija ta' l-iskola. Qegħdin fil-bidu tas-sena skolastika u dan ifisser li anki min-naħa tal-librerija, quddiemna għandna sena sħiħa ta' ħidma u impenn.
L-għan ta' dan il-fuljett ċkejken huwa li jissemma leħen il-librerija. Żgur li fi skola l-librerija għandu jkollha post ċentrali, post fejn l-istudenti jkunu jistgħu jimirħu biex itejbu l-livell tat-tagħlim tagħhom. Għal dan il-għan, il-bibien tagħna dejjem miftuħa għal kulħadd. Narawkom.

*L-Għalliema Librara*

D. Agius Muscat
A. Cutajar
M. Zahra Sacco

> **"Hemm aktar teżori fil-kotba milli għand il-pirati fuq *Treasure Island.*"**
> **Walt Disney (1901-1966)**

## Minn fuq l-ixkaffa
### *Żveljarin* ta' Trevor Żahra

Trevor Żahra huwa wieħed mill-aqwa kittieba tagħna. M'ilux kiteb ktieb kollu poeżiji li jifqgħuk bid-daħq. Fih insibu poeżija fuq il-papà li xtara mowbajl u beda jdoqqlu f'nofs il-quddiesa, oħra fuq Tursinu l-kelb l-imqareb u oħra fuq priedka tal-Milied li kellu jgħidha Martin il-kuġin u li miskin marritlu żmerċ. Mela x'inti tistenna? Ejja fil-librerija u ssellfu!




**KOMPETIZZJONI**
Idħol fiċ-ċans li tirbaħ ktieb mogħti lilna minn *Merlin Library* ta' Blata l-Bajda billi tirrispondi din il-mistoqsija:
*X'jismu l-ewwel ktieb li fih J.K.Rowling introduċiet il-karattru ta' Harry Potter?*
It-tweġibiet għandhom jaslu l-librerija sa l-aħħar ta' Novembru



Il-librerija tkun miftuħa għall-istudenti **kuljum** fil-brejk tan-nofs siegħa u għall-għalliema f'ħinijiet oħra tal-ġurnata.

## Nibżgħu għall-Kotba

Xi ħaġa li tkun tagħna,bla ma rridu, nieħdu ħsiebha. Dak li jkun misluf lilna għandna nieħdu ħsiebu daqs li kieku huwa tagħna. Hekk hu l-każ fejn jidħlu l-kotba li jkunu mislufin lilna mill-iskola biex nużawhom fil-klassi jew il-kotba li nissellfu mil-librerija. Allura kif se nieħdu ħsiebhom il-kotba, kemm dawk li huma tagħna u dawk li ssellifniehom?



Ÿ L-ewwelnett ara li jkollok idejk nodfa;
Ÿ Dawwar il-paġni bil-mod u b'attenzjoni billi taqbad il-paġna mit-tarf tagħha;
Ÿ Qatt tikteb xejn fuq il-ktieb. Jekk trid tikteb xi nota niżżilha fuq karta oħra;
Ÿ Uża werrejja (*bookmarks*) biex timmarka fejn wasalt;
Ÿ Kif tlesti mill-ktieb, poġġih f'postu, 'il bogħod minn tfal żgħar jew minn annimali domestiċi.

B'dan il-mod, il-kotba ma tiġrilhom l-ebda ħsara. Ftakar li l-ktieb huwa l-akbar ħabib tiegħek u għalhekk ħu ħsiebu dejjem.

Il-ktieb hu l-akbar ħabib tagħna. Nibżgħu għalih!

## Niltaqgħu ma' J.K. Rowling



Joanne Rowling twieldet fl-1965, l-Ingilterra.
Hija l-awtriċi tas-sensiela ta' Harry Potter, karattru li tant intlaqa' tajjeb kemm mit-tfal kif ukoll mill-kbar.
Il-manuskritt ta' l-ewwel rumanz *Harry Potter and the Philosopher's Stone* lestietu fl-1995 li l-biċċa l-kbira minnu kitbitu f'kafejiet differenti, fejn kienet tidħol wara li kienet traqqad lit-tifla ċkejkna tagħha wara dawra fil-puxċer.
Fatt interessanti hu li meta lestiet l-ewwel ktieb tnax-il pubblikatur ma ridux jidħlu għalih għax ħasbu li ma kienx se jkollu suċċess.
Sena wara *Bloomsbury* iddeċidew li jippubblikawh iżda ssuġġerewlha biex fuqu ma tiktibx isimha sħiħ peress li s-subien għandhom tendenza li ma jaqrawx kotba miktubin minn mara. Kien għalhekk li isimha deher taħt psewdonemu bl-inizjali J.K. Filwaqt li l-ewwel ittra hija l-inizjali ta' isimha, it-tieni ittra għażlitha bħala tifkira ta' nannitha Kathleen.
Is-suċċess li kisbu r-rumanzi ta' Rowling jaf bih kulħadd. Rebħet diversi unuri u ġew mibjugħa miljuni ta' kopji. Il-kotba tagħha nħadmu wkoll f'films.

Għal aktar tagħrif żur il-websajt http://www.jkrowling.com